# MISSJONI FIL-POLONJA

F'Novembru tas-sena 2010, is-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. fetħet l-ewwel fergħa tagħha fil-Polonja. L-ewwel stedina lis-Soċjetà saret fis-sena 1989, meta familja partikulari saret midħla ta' xi membri tas-Soċjetà f'waħda mill-laqgħat ta' Taize li saret f'Wrocław, fil-Polonja. Is-snin għaddew, il-kuntatti żdiedu u l-possiblità li tinfetaħ fergħa fil-Polonja bdiet issir aktar reali. Wara l-approvazzjoni tal-Arċisqof Stanisław Gondelski fl-2008, saru l-aħħar preparamenti biex numru ta' soċji jitilqu art twelidhom u jibdew jaqsmu il-kariżma tal-fundatur tagħhom San Ġorġ Preca f'Poznań, fil-Polonja.

Filwaqt li ż-żewġ membri mibgħuta fil-Polonja, ġeografikament kienu baqgħu fl-Ewropa, din il-bidla permanenti tal-pajjiż, bħal f'kull missjoni, ġabet magħha sfidi ġodda. L-ewwel sfida kienet il-lingwa. Katekist tajjeb jeħtieġlu jkun jaf iħaddem sew il-lingwa ta' min qed jisimgħu, u għalhekk kien xieraq li l-membri jinvestu f'kors intensiv fil-lingwa Pollakka. Bla ebda dubju, bejn tagħmel kors u tkun taf titkellem b'mod fluenti hemm baħar jaqsam, l-aktar meta wieħed jikkonsidra li din il-lingwa hi lingwa slawa u hekk ftit li xejn ma tissellef mill-lingwa Latina. It-tieni sfida kienet ix-xogħol. Parti mill-kariżma tal-membri tal-Museum hija l-ħajja fid-dinja tax-xogħol, u għalhekk minkejja l-isfidi kbar li kienet qiegħda toffrilhom il-lingwa, is-soċji fittxew xogħol u bdew jaħdmu bħala għalliema fi skejjel ta' livelli differenti, kemm privati kif ukoll pubbliċi. It-tielet sfida kienet l-appostolat. Filwaqt li s-Soċjetà ġiet milqugħa tajjeb ħafna mill-kappillan u mill-parruċċani ta' fejn infetaħ l-ewwel Museum, l-ambjent u d-drawwiet tan-nies tal-post huma pjuttost differenti minn dawk mediterranji! Dawn id-differenzi kienu jeħtieġu studju, metodi ta' appostolat diversi u fuq kollox tul ta' żmien biex is-Soċjetà taddatta ruħha għall-kultura tal-post u tibda tara u tifhem aħjar il-bżonnijiet tan-nies tal-post.

Illum, nirringrazzjaw lis-Sinjur Alla, is-Soċjetà hi involuta f'numru ta' ħidmiet diversi fil-belt ta' Poznań. Fuq livell djoċeżan, f'numru ta' parroċċi differenti, il-membri tas-Soċjetà qed jieħdu ħsieb diversi gruppi bi tħejjija għas-sagrament tal-Griżma tal-Isqof, li hawn issir ta' 16-il sena. Fil-parroċċa fejn tinsab is-Soċjetà, apparti l-klassi bi tħejjija għall-Ewwel Tqarbina, is-soċji qed jieħdu ħsieb ukoll żewġ gruppi oħra li jiltaqgħu aktar ta' spiss. Filwaqt li dawn ż-żewġ gruppi għandhom ħin riservat għall-futbol f'sala mikrija apposta għalihom, kemm dawk ta' l'fuq minn 16-il sena kif ukoll iż-żgħar, jiltaqgħu drabi oħra għal ħin ta' formazzjoni u logħob fil-basement tal-knisja parrokkjali. L-għajnuna tal-benefatturi, fosthom il-Mission Fund, biex tiġi iddekorata il-klassi u jinxtraw billiard, table-soccer u logħob ieħor adattat, kienu essenzjali biex jinħoloq ambjent attraenti għat-tfal u ż-żagħżagħ.

Fl-aħħarnett, meta wieħed jisma' il-kelma 'missjoni', wieħed faċilment jibda jaħseb f'xi postijiet fejn hemm ħafna faqar materjali. Forsi tinstema' tistona il-frażi "qegħdin missjoni fil-Polonja"! Madankollu, kif il-Papa Franġisku fakkar fl-ittra appostolika "Ewangelii Gaudium", jeħtieġ li ma ninsewx l-għatx tan-nies fl-ibliet tagħna! Nitolbu għalhekk lis-Sinjur Alla, sabiex kemm is-Soċjetà tal-Museum fil-belt ta' Poznań, kif ukoll kull wieħed u waħda minna kull fejn ninsabu, nkunu missjunarji; cioe xhieda vera tal-ferħ ġenwin li jagħtina Ġesù!

*Rainer Bezzina*

*Jeħtieġ li ma ninsewx l-għatx tan-nies fl-ibliet*

*Bl-għajnuna tal-Mission Fund qed jinħoloq ambjent atraenti għat-tfal u żgħażagħ*







# CHRISTMAS BUFFET

IL-ĦADD 13 TA' DIĊEMBRU 2015
FIN-12.30 PM F'SAN ANTONIO HOTEL, QAWRA

**Booking: Uffiċċju: 21413664 (09.00 – 13.00)**
**jew Mr Charles Decelis 21575351 / 99885078**

An Array of Antipasto, Salads and House Dressings

Cinnamon perfumed Cream of Cauliflower Soup

Serpentini with Chicken Strips, Grilled Artichokes & Mozzarella Cream
Rigatoni tossed in Pan Fried Vegetables, Tuscany Herb Tomato Sauce

Roast thyme scented Beef with Pan Glazed Onion and Garlic Cloves, Laced with a Port Wine Jus
Grilled Medallions of Turkey on a Bed of Fennel with a Sage and Brie Cream Touch with Cranberry Sauce
Steamed Salmon with Tomato, Dill and Fresh Lemon With a Blood Orange Beurre Blanc
Oven Roasted Zucchini, Aubergine, Carrot, Cauliflower and Capsicum with a Light Drizzle of Balsamic Glaze
Par Boiled and Fried Potatoes finished in the oven with a Perfume of Rosemary Butter

Selection of Gateaux, Tarts and Fresh Fruit & Fruit Salad



*Prezz: Kbar € 20 Tfal € 10 (5 - 12 sena)*

TLUGĦ TAL-LOTTERIJA GRANDJUŻA

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1° Premju | € 1,000 voucher għal cruise għal 2 persuni | AA 000576 | Norma Solomone, B'Kara |
| 2° Premju | € 800 voucher għal vjaġġ fl-Ewropa għal 2 persuni | AA 350951 | Joseph Zammit, Gzira |
| 3° Premju | Weekend Break għal 2 persuni f'San Antonio Hotel | CC 386810 | R. Ellul, Il-Furjana |
| 4° Premju | Acer Aspire Laptop 15.6" | DD 321181 | M. Mifsud, Balzan |
| 5° Premju | Television LED 42" | AA 349305 | C. Caruana, Zurrieq |
| 6° Premju | Voucher One4all b'valur ta' € 250 | AA 161863 | Victor Camilleri, Naxxar |
| 7° Premju | Wega Automatic Washing Machine 5 Kg | DD 098793 | Gabby Camilleri, Rabat |
| 8° Premju | Weekend Break għal 2 persuni fil-Pergola Hotel | DD 236275 | Christine Camilleri, B'Kara |
| 9° Premju | Weekend Break għal 2 persuni fil-Preluna Hotel | AA 371137 | Mary Vella |
| 10° Premju | Set tal-barbeque tal-gas | DD 340928 | V. Darmanin, Mġarr |
| 11° Premju | Cabinet tal-għodda | BB 293184 | Lily Vella, B'Kara |
| 12° Premju | Android Tablet 10.1" | CC 051345 | Rose Spiteri, Xagħra, Gozo |
| 13° Premju | Black & Decker Combination Set | AA 048916 | Myriam Vella, Mellieħa |
| 14° Premju | Fujifilm Digital Camera | BB 147332 | E. Schembri |
| 15° Premju | Voucher One4all b'valur ta' € 100 | AA 228838 | E. Aquilina, B'Kara |
| 16° Premju | D.C.G. Microwave Oven bil-grill | BB 008675 | Andrew Psaila, Mosta |
| 17° Premju | Micron Convection Oven | AA 349162 | Josephine Iavarone, Marsa |
| 18° Premju | Buffet Lunch għal 2 persuni fir-Ramla Bay Resort | CC 348964 | Peter Paul Muscat, Mosta |

Fil-Milied naħsbu ħafna biex nagħtu rigali lill-maħbubin tagħna. Nafu li intom tħobbu ħafna lill-foqra fl-artijiet tal-missjoni. Għalhekk inħeġġukhom biex tagħtu rigal lil dawn ħutna biex b'hekk tnaqqsulhom ftit mit-tbatija li qed isofru. Il-Mulej iħallaskom b'mitt darba aktar dak kollu li tagħmlu ma' ħutna fil-bżonn. **GRAZZI.**

Qiegħed nibgħat il-ħlas ta' € ____________ bħala rigal tal-Milied lil ħutna anqas ixxurtjati. Id-donazzjonijiet għandhom jintbagħtu permezz ta' ċekk jew money order pagabbli lil Mission Fund.

ISEM U KUNJOM: ____________________________________________

INDIRIZZ: ____________________________________________

____________________________________________

RAĦAL: ____________ KODIĊI POSTALI: ______________ TEL/MOB: ____________________



Stampat: POLIDANO PRESS LTD | Tel: 2125 7018 | www.pplmalta.com



IL-MISSJUNARJU

NEWSPAPER POST
Ħarġa Nru: 114 Diċembru 2015 - Frar 2016

# MESSAĠĠ TA' TAMA U MĦABBA

Meta jasal ix-xahar ta' Diċembru qalbi tibda' timtela b'ferħ speċjali. Xi jġib miegħu dan ix-xahar? Rigali? Dawn nirċievuhom matul is-sena. Xi ikla tajba f'xi restorant? Din nagħmluha ta' spiss biex niċċelebraw xi okkażjoni speċjali jew sempliċiment bħala ħarġa. Illum il-ġurnata kollox sar drawwa. Iżda jien qalbi timtela b'ħafna ferħ għax ix-xahar ta' Diċembru jfakkarna fit-twelid ta' Ġesù Bambin. Iva, qalbi nħossha tfur bil-ferħ – dak il-ferħ li jġib miegħu twelid ta' tarbija ġdida. X'miraklu kbir huwa dan kull meta tara twelid ta' tarbija! Qalbek tant tfur bil-ferħ li tħossok tixtieq tibki. Hekk inħossni meta tasal il-ġurnata li lkoll flimkien mal-insara kollha ningħaqdu biex niċċelebraw it-twelid ta' dan il-Prinċep tal-Paċi. Is-slaten Maġi mxew wara l-kewba sakemm waslu fil-post fejn sabu liċ-ċkejkna tarbija u offrew ir-rigali tagħhom.

Ġesù wkoll ġabilna rigali mat-twelid Tiegħu.Barra l-ferħ, Huwa ġab ukoll l-imħabba u t-tama u għallimna kif nistgħu nilħqu dawn id-doni hekk sbieħ. Xi kultant ma tkunx faċli għalina għaliex inħossuna dgħajfin wisq. Imma rridu nippruvaw u nagħmlu kuraġġ u sforz sabiex nilħqu dak li nisperaw għalih. Ejjew nitolbu l-għajnuna Tiegħu biex jgħinna naslu fejn nixtiequ – jekk biss din tkun skont ir-rieda Tiegħu. U l-Mulej żgur li jagħtina rigal ieħor ma' dawk il-ħafna li jroddilna tul ħajjitna kollha.

U aħna x'rigal ser noffru lill-Mulej li sar bniedem bħalna biex jagħtina l-akbar rigal li qatt nistgħu nirċievu – dak tal-ħajja li ma tintemm qatt? Grazzi Mulej ta' dan ir-rigal u ta' tant rigali oħra li kontinwament tagħtina ma' kull nifs li nieħdu.

Nawguralkom li l-ferħ tal-Milied jimlilkom qalbkom b'hena, paċi w sliem. Il-Milied it-tajjeb lil kulħadd.

*Therese Gatt*

*Aħna x'rigal ser noffru lill-Mulej?*



MISSION FUND: 500, Eureka Court, Blokk A, Flat 6,
Triq il-Kbira, Mosta MST 1018
Ħinijiet tal-ftuħ: Tnejn sal-Ġimgħa 9.00 a.m. – 1.00 p.m. Tel: (+356) 21413664
(Servizz ta' Answering Machine 24 siegħa kuljum)

Website: www.missionfund.org.mt E-mail: missionfund@global.net.mt
Il-MISSION FUND hija reġistrata bħala organizzazzjoni filantropika skont l-Att tal-2007 dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji – Reg No: VO/0015

# ESPERJENZA FIT-TANZANIJA

Wara xhur ta' preparamenti, waslet il-ġurnata biex il-grupp ta' 25 voluntiera tal-Mission Fund, taħt id-direzzjoni spiritwali ta' Fr Marcellino Micallef, jitlaq minn Malta lejn it-Tanzanija biex jgħin fit-twettieq tal-proġett ta' din is-sena. Kull sena, il-Mission Fund twettaq proġett ta' kostruzzjoni fuq talba ta' missjunarju Malti jew Għawdxi. Il-proġett ta' din is-sena kien jikkonsisti f'bini ta' staff houses għat-tobba u l-professjonisti li jagħtu s-servizz tagħhom fl-isptar ta' Makiungu. Dan l-isptar, li jservi popolazzjoni ta' 400,000 persuna, huwa mmexxi minn Sr Maria Borda MMM li ilha fil-missjoni sa' mill-1984.

Wara vjaġġ ta' 12-il siegħa ajruplan u 13-il-siegħa karozza, il-grupp wasal f'dan l-isptar fejn ġie mogħti merħba kbira minn Sr Borda u s-sorijiet l-oħra tal-istess kongregazzjoni. Dan ma kienx l-ewwel proġett li twettaq mill-Mission Fund f'dan l-isptar għax fl-2010 kien inbena blokk ta' akkomodazzjoni għat-tobba u l-paramediċi filwaqt li s-sena ta' wara kienet inbniet estensjoni għall-blokk tal-maternità biex tittaffa ftit il-problema ta' nuqqas ta' sodod. Din il-problema kienet tant li f'kull sodda kien ikollhom joqgħodu żewġ jew tlett pazjenti.

Il-grupp tal-voluntiera malajr xammar il-kmiem biex kulħadd jagħti s-sehem tiegħu biex dan il-proġett ikun suċċess. Il-ġurnata kienet tibda b'mument ta' talb fil-kappella li kien jiġi ppreparat u mmexxi minn grupp ta' voluntiera skont skeda mfassla minn qabel. Wara l-kolazzjon ta' filgħodu, kulħadd imur għax-xogħol li jingħatalu skont il-ħiliet tal-individwu. Ix-xogħolijiet li saru matul din l-esperjenza kienu jikkonsistu hekk:

### *Xogħol ta' kostruzzjoni*

Grupp ta' voluntiera flimkien ma' numru ta' ħaddiema tal-lokal ħadmu fil-bini tal-istaff houses. Matul il-ħames ġimgħat li l-grupp għamel f'dan l-isptar, ix-xogħol mexa b'ritmu mgħaġġel u tlesta l-ewwel sular.

### *Xogħol fl-isptar*

Grupp ieħor ta' voluntiera taw l-għajnuna tagħhom fl-isptar b'diversi modi:

- Għajnuna ta' tabib waqt operazzjoni kif ukoll waqt il-viżti tal-pazjenti fis-swali tal-isptar;
- Għajnuna ta' infermier fil-qadi tad-dmirijiet lejn il-pazjenti rigward l-iġjene personali tagħhom u l-bżonnijiet l-oħra kollha;
- Għajnuna fid-Dipartiment tal-General Outpatients rigward iż-żamma ta' rekords tal-pazjenti fuq sistema komputerizzata dwar is-sintomi, it-testijiet li jsiru, il-preskrizzjoni tal-mediċini u d-djanosi tal-marda;
- Tiswija ta' siġġu tad-dentistrija – Dan is-siġġu li kien ġie mogħti lill-isptar mill-Mission Fund fl-2010, żviluppa xi ħsarat. Wara li nxtraw xi partijiet li kien hemm bżonn jinbidlu, saret it-tiswija neċessarja fuq dan is-siġġu;
- Bini ta' partition tal-injam fid-dipartiment tal-oftalmija;
- Għajnuna fl-ispiżerija tal-isptar fl-ippakkjar u t-tqassim tal-mediċini.

**Proġett 2015**
***Bini ta' staff house fl-isptar ta' Makiungu***





### *Xogħol fil-Blokk tal-Akkomodazzjoni*

Grupp ta' voluntiera ħadmu fil-kċina sabiex jippreparaw l-ikel kollu meħtieġ għall-membri tal-grupp. Sar ukoll xogħol ta' tindif regolari fil-partijiet komuni biex il-blokk jinżamm nadif u sabiħ.

### *Xogħolijiet Oħra*

- Xogħol ta' ħadid – Inħadmu 10 trolleys tal-ħadid bil-bieba li tissakkar biex jitqiegħdu fihom laptops li fihom jinżammu r-rekords tal-pazjenti tal-isptar. Dawn it-trolleys ser jintużaw direttament fis-swali tal-isptar;
- Xogħol ta' ħjata – Ġew meħjuta xi lbiesi għas-sorijiet u ħwejjeġ oħra bħal overalls, bjankerija u purtieri. Saru wkoll xi tiswijiet oħra skont il-bżonn;
- Xogħol ta' żebgħa – Xi voluntiera żebgħu il-ġnub tal-passaġġi interni tal-isptar biex tingħata dehra pulita. Inżebgħu wkoll erbgħat ikmamar;
- Xiri – Il-bżonnijiet ta' kuljum dejjem jinqalgħu. Dawn l-oġġetti kienu jinxtraw minn Singida fuq bażi regolari;
- Tiswija tas-sistema telefonika – Saru xi tiswijiet fuq il-linji interni tat-telefon;
- Xogħolijiet ta' manutenzjoni – Sar xi xogħolijiet ta' manutenzjoni fosthom bdil ta' serratura ta' bieb, tiswija ta' sufan u tiswija ta' cupboard.

Żjarat lill-familji foqra: Membri tal-grupp, akkumpanjati mill-viċi kappillan ta' Makiungu Fr Claudio Stephan u żewġ katekisti għamlu żjarat lil xi familji foqra. Dawn il-familji jgħixu f'miżerja kbira fi djar magħmula minn bricks tal-ħamrija u saqaf tal-ħaxix.





***...dawn in-nies għalkemm m'għandhom xejn jgħixu ħajja kuntenta***

F'dawn iż-żjarat iltqajna ma' xi esperjenzi li ser jibqgħu stampati f'moħħna għal bosta snin.

- Raġel nofsu paralizzat li jgħix fl-istess stalla tal-annimali li kellu;
- Mara anzjana li l-anqas biss taf kemm għandha żmien;
- Żewġt itfal żgħar li tħallew waħidhom għax qalulna li l-kumplament tal-familja marru jaħdmu fir-raba';
- Persuna ta' 45 sena li kien jgħix ma' qarib tiegħu li kien għami għal 10 snin. Huwa qal li kien għama minħabba s-saħar li għamlitlu s-saħħara;
- Mara żagħżugħa tgħix waħidha ġo dar żgħira li minkejja li kienet nieqsa mid-dawl t'għajnejha kellha tbissima fuq fommha b'turija li hi kellha l-paċi f'qalbha;
- Mara li kienet tgħix ma' bintha u li kienet niexfa għuda. Hija qalet li ma tiekolx u l-anqas torqod għax kellha kundizzjoni fl-istonku;
- Mara marida b'kanċer li waslet f'tarf ħajjitha mimduda mal-art mingħajr saqqu;
- Omm li kellha ħamest itfal kellha tagħmel operazzjoni peress li kellha kanċer f'sidirha.







Lil dawn il-familji li żorna tajnihom basket mimli bl-ikel fosthom ross, tqiq, zokkor, melħ u żejt. Qabel nitilqu mingħand kull familja konna ngħidulhom talba żgħira.

**Żjara f'Kinku:** Ġiet organizzata wkoll żjara fil-villaġġ ta' Kinku fejn attendejna għal quddiesa li kienet ikkonċelebrata minn Fr Marcellino u Fr James Amasi, il-kappillan ta' Makiungu, peress li Kinku tagħmel parti mill-parroċċa ta' Makiungu. Għal din il-quddiesa attendew numru sabiħ ta' tfal, li ħafna minnhom kienu akkumpanjati mill-ġenituri tagħhom. Kif spiċċat il-quddiesa, ġiet ippreżentata donazzjoni lil Fr Amasi biex jintużaw għall-bini tal-knisja l-ġdida. Bħala sinjal ta' ringrazzjament, ġew ippreżentati żewġ mogħożiet lill-president tal-Mission Fund Sylvia Ebejer, li minn naħa tagħha irringrazzjat lil kulħadd għal dan il-ġest sabiħ.

Imbagħad għamilna festin żgħir billi qassamna ftit ikel u ħelu lit-tfal preżenti. Ġie organizzat ukoll xi logħob li fih ipparteċipaw kemm it-tfal kif ukoll il-kbar. Kienet siegħa ta' divertiment u ta' ferħ li żgur li kull min kien hemm preżenti ser jibqa' jiftakar għal żmien twil.

**Żjara fiċ-Ċentru tal-Lebbrużi:** F'Bukumbi hemm ċentru tal-lebbrużi mmexxi minn kongregazzjoni tas-sorijiet tal-Franciscan Sisters of St Bernardette. Sfortunatament fid-dinja tal-lum ikun hemm 200,000 każ ġdid tal-lebbra kull sena. It-Tanzanija hija waħda mill-pajjiżi fejn hemm inċidenza qawwija tal-lebbra. F'dan iċ-ċentru hemm jgħixu ukoll xi albinos peress li dawn iħossuhom protetti minħabba l-periklu li xi ħadd jista' jaħtafhom biex joqtluhom u jbigħu il-ġilda tagħhom lis-saħħara għax dawn jemmnu li dik il-ġilda bajda għandha poteri speċjali. Qassamnilhom ħelu, ħobż, ross, qamħirrun, sapun u mediċini. Il-ferħ li wrew kemm il-kbar kif ukoll it-tfal kien sinjal ta' ringrazzjament għal dawn l-għotjiet.

**Żjara fiċ-Ċentru għat-Tfal bi Bżonnijiet Speċjali:** Il-grupp żar iċ-ċentru ta' rijabitazzjoni tat-tfal bi bżonnijiet speċjali li jinsab f'Zanzaina u li huwa mmexxi minn Fr Thomas Ryan. F'dan iċ-ċentru hemm tfal b'kull xorta ta' diżabilità kemm fiżika kif ukoll mentali. Minkejja dan kollu, it-tfal tgħidx kemm ferħu kif appena rawna ġejjien, saħansitra huma għarfu lil xi membri li kienu marru jżuruhom meta konna t-Tanzanija fis-snin ta' qabel. Lil dawn it-tfal tajnihom xi ħelu u gallettini kif ukoll xi bżieżaq. Ġiet ippreżentata donazzjoni lil Fr Thomas b'risq it-tmexxija ta' dan iċ-ċentru.



Din l-esperjenza għandha tgħallimna biex nibdew napprezzaw aktar il-kumditajiet kollha li l-Mulej ipprovdilna fid-djar tagħna speċjalment meta wieħed jiftakar li dawn in-nies għalkemm m'għandhom xejn jgħixu ħajja kuntenta u serena. Kemm għandna għalfejn nirringrazzjaw lil Alla li aħna twelidna f'pajjiżna u mhux f'xi pajjiż fqir.

*John Sammut*